**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2024**

Rikors Numru 417/23 AL

ABC

vs

DE

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. ILLI l-partijiet iżżewġu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) kif jirriżulta miċ-ċertifkat taż-żwieġ anness u mmarkat "Dokument A";

2. ILLI l-partijiet ghandhom tifel wiehed FGE li twieled fid- disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019);

3. ILLI l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia anness u mmarkat "Dokument B";

4. ILLI l-partijiet iddekadew ai termini tal-ligi ghal kull dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin ghal dak li jikkoncerna l-bzonnijiet personali taghhom;

5. ILLI l-obbligu tal-intimat ghal manteniment ghal minuri huwa regolat skont il-kuntratt ta' separazzjoni fuq citat u ma hemm ebda' pendenzi f' dak li jirrigwarda manteniment u / jew spejjez inkorsi ghal minuri.

6. ILLI ma hemm ebda' possibilta' ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex

(i) Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejnet il-partijiet;

(ii) Tordna lir-Regisratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 t'Awwissu 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat imsejjah tlett darbiet ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ppreżentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Gunju 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.